



PARLAMENT EWROPEW

2014 - 2019

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2014/2113(DEC)

13.1.2015

EMENDI

1 - 5

Abbozz ta' opinjoni
Sylvie Guillaume
(PE541.388v01-00)

dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea għall-
Ġestjoni ta' Koperazzjoni Operazzjonali fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri
tal-Unjoni Ewropea (Frontex) għas-sena finanzjarja 2013
(2014/2113(DEC))

AM\1038318MT.doc

PE541.408v01-00

MT

Magħquda fid-diversità

MT

AM_Com_NonLegOpinion

Emenda 1
Barbara Matera

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 2

Abbozz ta' opinjoni

2. Jieħu nota tal-opinjoni tal-Qorti tal-Awdituri skont liema l-evidenzi ta' verifika dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet art/baħar/ajru konġunti jibqgħu insuffiċjenti, imma li l-inċidenzi eventwali ta' din is-sitwazzjoni m'għadhomx ġeneralizzati, kuntrarju għas-sena ta' qabel; Jilqa' għalhekk f'dan ir-rigward l-implimentazzjoni mill-Frontex ta' sistema aktar kompluta tal-verifiki ex ante għall-ftehimiet ta' għoti mill-bidu ta' Ġunju 2013;

Emenda

2. Jieħu nota tal-opinjoni tal-Qorti tal-Awdituri skont liema l-evidenzi ta' verifika dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet art/baħar/ajru konġunti jibqgħu insuffiċjenti, imma li l-inċidenzi eventwali ta' din is-sitwazzjoni m'għadhomx ġeneralizzati, kuntrarju għas-sena ta' qabel; Jilqa' għalhekk f'dan ir-rigward l-implimentazzjoni mill-Frontex ta' sistema aktar kompluta tal-verifiki ex ante għall-ftehimiet ta' għoti mill-bidu ta' Ġunju 2013; ***Dan l-approċċ ibbażat fuq ir-riskju huwa kkonċentrat fuq il-kontroll ex ante (pereżempju qabel il-ħlas) abbażi ta' dokumenti ġustifikattivi tal-50 % - 70 % tal-ispejjeż imġarrba mill-Istati Membri għat-tqassim tal-esperti, bastimenti jew ajruplani tagħhom. Jintlaqa' favoribilment il-kontroll bil-quddiem, sistematikament mill-2012, tal-fatturi għal ajruplani charter użati għar-ritorn.***

Or. it

Emenda 2
Kostas Chrysogonos

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 2

Abbozz ta' opinjoni

2. Jieħu nota tal-opinjoni tal-Qorti tal-Awdituri skont liema l-evidenzi ta' verifika dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' għoti fil-qasam tal-operazzjonijiet art/baħar/ajru konġunti

Emenda

2. Jieħu nota tal-opinjoni tal-Qorti tal-Awdituri skont liema l-evidenzi ta' verifika dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' għoti fil-qasam tal-operazzjonijiet art/baħar/ajru konġunti, ***u***

jibqgħu insuffiċjenti, imma li l-inċidenzi eventwali ta' din is-sitwazzjoni m'għadhomx ġeneralizzati, kuntrarju għas-sena ta' qabel; Jilqa' għalhekk f'dan ir-rigward l-implimentazzjoni mill-Frontex ta' sistema aktar kompluta tal-verifiki ex ante għall-ftehimiet ta' għoti mill-bidu ta' Ġunju 2013;

f'xi każijiet l-operazzjonijiet konġunti ta' ritorn, jibqgħu insuffiċjenti, imma li l-inċidenzi eventwali ta' din is-sitwazzjoni m'għadhomx ġeneralizzati, kuntrarju għas-sena ta' qabel; Jilqa' għalhekk f'dan ir-rigward l-implimentazzjoni mill-Frontex ta' sistema aktar kompluta tal-verifiki ex ante għall-ftehimiet ta' għoti mill-bidu ta' Ġunju 2013;

Or. en

Emenda 3
Kostas Chrysogonos

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 2a (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

2a. Jieħu nota tal-osservazzjoni tal-Qorti tal-Awdituri li l-ebda mit-tranżazzjonijiet ta' għoti għall-2013 ma kienu soġġetti għal kontroll ex post.

Or. en

Emenda 4
Petr Ježek

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 2a (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

2a. Jenfasizza l-bżonn għal analiżi effikaċi tal-użu tal-fondi tal-Unjoni fl-operazzjonijiet art/baħar/ajru konġunti; jirreferi b'mod partikolari għall-każ enfasizzat mill-Qorti tal-Awdituri fir-Rapport Annwali tagħha fir-rigward tal-elikotteri fi Spanja, li għall-75 % ġew ifffinanzjati mill-Unjoni, iżda li huwa stmat li ntużaw biss madwar 25 %

taż-żmien f'attivitajiet relatati mal-kontroll ta' fruntieri esterni.

Or. en

Emenda 5
Lorenzo Fontana

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 5a (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

5a. jiddispjaċih li parti kbira (madwar 30 %) tal-baġit destinat għall-Frontex jintnefaq fuq spejjeż amministrattivi tal-aġenzija nnifisha.

Or. it